# Fil-Parroċċa ta' Birkirkara 200 Sena Ilu

**Winston L. Zammit** B.A.(Hons) P.G.C.E. M.A.



Mitejn sena ilu, f'Ottubru 1811, l-Isqof Ferdinandu Mattei għamel Żjara Pastorali fil-parroċċa ta' Birkirkara, li f'dak iż-żmien kienet ferm akbar milli hija llum. Fil-fatt f'dak iż-żmien, il-parroċċa Elenjana kienet tikkomprendi fil-limiti tagħha t-territorju kollu fejn illum hemm l-erba' parroċċi ta' Birkirkara, inkluża Fleur-de-lys, Santa Venera, parti mill-Ħamrun, l-Imsida u Ta' Xbiex, il-Gżira, Tas-Sliema kollha, San Ġiljan, Pembroke, is-Swieqi u San Ġwann.

Mir-reġistru tal-parroċċa ta' dak iż-żmien magħruf bħala Status Animarum, jirriżulta li f'dak iż-żmien fil-limiti tal-parroċċa kien hemm jgħixu 4,511 ruħ[1]. Il-parti l-kbira tagħhom kienu joqogħdu f'Birkirkara proprja. Iżda kien hemm xi komunitajiet żgħar f'Tas-Sliema u San Ġiljan.[2]

## Il-Kapitlu Elenjan

Dik il-ħabta, il-Prepostu-Arċipriet, b'responsabbiltà tal-erwieħ kien il-Kanonku Dun Franġisk Sammut[3] li kien ilu jmexxi l-parroċċa mill-1807[4]. Il-membri tal-Kapitlu Elenjan f'Ottubru 1811 kienu l-Kan. Kantur Dun Manwel Charbon, It-Teżorier Kjeriku Vincenzo la Speranza. Dun M. A. Debono, Dun Andrea Borg, Dun Ġużepp Debono, Dun Anton Xiberras, it-Teologu Dun Karlu Gatt. Dun Ġwann Maria Falzon Dun Ġużepp Debono, il-Penitenzier Dun Franġisk Cardona, Fra Baskal Gelsomino tal-Ordni ta' San Ġwann, is-Suddjaknu Gwann Scicluna, Is-Suddjaknu P. Aquilina, u Fra Ġużepp Cremona tal-Ordni ta' San Ġwann[5]. Wieħed jinnota li fi ħdan il-Kapitlu kien hemm żewġ kappillani tal-Ordni ta' San Ġwann.

---

[1] A(rkivju) K(urja) A(rċiveskovili) It-tieni Viżta Pastorali ta' Mons. Mattei 1811, f. 101 R.
[2] Tagħrif fil-pussess tal-awtur.
[3] A.K.A. It-tieni viżta ta' Mons. Mattei 1811 f. 99 V.
[4] Ferris A., *Descrizione delle Chiese di Malta e Gozo* (1866) p. 321.
[5] A.K.A. It-tieni viżta ta' Mons. Mattei ff. 99 V, 100R

## L-Elezzjoni tal-Prokuraturi

F'xi żmien qabel il-Viżta Pastorali, il-Kanonċi Elenjani, f'laqgħa Kapitulari kienu ħatru l-prokuraturi tal-knisja, tal-altari u tal-fabbrika. Fost il-prokuraturi eletti kien hemm Ġużeppi Scicluna li kien ġie elett Prokuratur tal-Knisja. Għaldaqstant il-Kapitlu Elenjan talab lill-Isqof Mattei biex jikkonferma l-ħatra ta' dawn il-i, kif fil-fatt l-imsemmi Isqof għamel matul din il-Viżta Pastorali, nhar it-18 ta' Ottubru 1811[6]



## Konsagrazzjoni ta' Altar

Matul din il-Viżta Pastorali, u sewwasew nhar is-17 ta' Ottubru 1811, l-Isqof Mattei, assistit mill-Kanonċi konviżitaturi, ikkonsagra b'mod solenni l-altar tal-kappella tas-Santissmu Sagrament fil-Kolleġġjata[7].

## Saċerdot Ġdid

Fl-istess sena, f'Diċembru, il-parroċċa Elenjana ta' Birkirkara, kellha saċerdot ġdid. Fil-fatt, fil-21 ta' Diċembru 1811, id-Djaknu Ġużeppi Farrugia kien ġie ordnat saċerdot mill-imsemmi Isqof Ferdinandu Mattei, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta[8].

---

[6] Ibid., ff. 105V, 106R.
[7] Ibid., f. 103V.
[8] A(rkivju) K(atidral) M(alta) C.E.M. R.V. 14 ff. 29V, 30R.


# Tal-Għawdxi Green Grocer
**MAIN STREET, BIRKIRKARA**



Open from Monday to Sunday
Tuesday and Fridays open all day

Mr Kevin Camilleri

FOR DAILY FRESH FRUIT, VEGETABLES AND GROCERIES

